# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors numru 3/2018/1 MV**

**George Scicluna**

**v.**

**Sonya Zammit**

1. L-attur appella minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja tas-27 ta' Jannar 2022 dwar il-manteniment taż-żewġ ulied Martina u Michele li l-partijiet kellhom fiż-żwieġ. L-ulied Martina u Michele twieldu fl-24 ta' Diċembru 1997 u fis-27 ta' April 2001 rispettivament.

2. Il-partijiet isseparaw legalment b'kuntratt tas-17 ta' Jannar 2003. Ftehmu li l-kura u kustodja tat-tfal tkun f'idejhom għalkemm mill-atti jidher li t-tfal baqgħu jgħixu mal-attur, u li:

> *"Dwar spejjeż meħtieġa għall-manteniment tal-ulied, il-partijiet jaqblu li kull parti għandha tikkontribwixxi għal nofs l-ispejjeż meħtieġa in konnessjoni mat-trobbija u l-għixien tagħhom inklużi għalhekk spejjeż meħtieġa in konnessjoni mal-ilbies, kura medika, edukazzjoni u b'mod ġenerali dak kollu li huwa meħtieġ għal trobbija regolari. Kull parti tkun esklussivament respsonsabbli sabiex tipprovdi għall-ikel li jkun meħtieġ mill-minuri sakemm dawn ikunu fil-kustodja tagħha mingħajr ma jkollha l-jedd għar-rižarċiment ta' nofs l-ispejjeż mingħand il-parti l-oħra. F'każ ta' nuqqas ta' ftehim dwar il-ħlas dovut, jibqa miftiehem li d-diverġenza tkun riferuta lill-persuna li tkun tissorvelja t-trobbija tal-ulied mill-partijiet maħtura mill-Qorti u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali u definittiva. Preżentement din il-persuna hija s-Social worker Peter Paul Portelli".*

3. B'nota li ppreżentaw fis-17 ta' Mejju 2005 fl-atti tal-ittra numru 3/2005 quddiem il-Qorti tal-Familja, il-partijiet ftehmu fost affarijiet oħra, li l-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' Lm115 fix-xahar għal tliet itfal, kif ukoll *"2)..... tibqa' toħroġ nofs l-ispejjeż għall-edukazzjoni u kura medika tal-ulied"*. Ftehim li ġie konfermat b'digriet mogħti fl-24 ta' Mejju 2005 fl-atti tal-ittra numru 3/2005 fl-istess ismijiet (fol. 19). Imbagħad b'kuntratt ieħor tal-1 ta' Ottubru 2015 ġie miftiehem li:

> *"Illi hemm qbil bejn il-partijiet fis-sens illi b'żieda ma' dak stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom, sakemm uliedhom Martina u Michele jkunu għadhom studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena, l-istess Sonya Zammit għandha (i) tibqa' tħallas il-manteniment versu ż-żewġt ulied; (i) nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa ta' dan iż-żewġt ulied; kif ukoll (iii) nofs l-ispejjeż tal-kera għal post ta' abitazzjoni f'Malta li uliedha jkollhom jinkorru waqt li dawn jkunu jistudjaw full time f'Malta.*
>
> *Illi għal kull buon (fini) jiġi dikjarat li l-manteniment li qed jitħallas presenzjalment fir-rigward taż-żewġ ulied huwa ta' mija u tmienja u sebgħin Ewro (EUR 178) fix-xahar".*

4. Il-proċeduri li wasslu għal dan l-appell huma s-segwenti:

4.1. Permezz ta' ittra numru 90/2017 l-appellant talab li ssir medjazzjoni fir-rigward ta' manteniment li martu tħallas għal uliedu in kwantu qiegħed jippretendi ħlas ikbar;

4.2. B'digriet mogħti fit-23 ta' Jannar 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni tal-Familja) għalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża;

4.3. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fit-2 ta' Frar 2017, l-attur talab is-segwenti:

*"1. Tiddikjara li kien hemm zieda konsiderevoli fl-gholi tal-hajja minn meta intlahhaq ftehim rigward ir-retta alimentari fis-sbattax (17) ta' mejju tal-elfejn u hamsa (2005);*

*2. Tiddikjara wkoll li minn meta gie pattwit il-ftehim ta' bejn il-partijiet, kien hemm zieda fic-cirkustanzi tal-genituri;*

*3. Konsegwentement tordna varjazzjoni tar-retta alimentari li l-intimata hija dovuta tissomministra lir-rikorrenti fil-konfront taz-zewgt ulied Martina u Michele, ahwa Scicluna.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata."*

5. Permezz ta' tweġiba maħlufa ppreżentata fil-15 ta' Marzu 2018, il-konvenuta ('appellata') wieġbet:

*"1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur;*

*2. Illi fl-ewwel lok, l-attur ma ghandu l-ebda dritt li unilateralment ibiddel jew ivarja dak li gie pattwit liberament, konxjozament u volontarjament bejn iz-zewg partijiet;*

3. *Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma huwiex minnu li sehhet xi bidla tant radikali fic-cirkustanzi rispettivi tal-partijiet li tiggustifika tibdil fl-ammont ta' manteniment pagabbli mill-esponenti lil zewgha rigward l-ulied komuni;*

4. *Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatt li llum il-genituri ghandhom imantu zewg ulied u mhux tlieta japplika ghaz-zewg genituri ugwalment u fl-istess grad, u ghalhekk ma jistax jikkwalifika bhala fattur li jiggustifika zieda fl-ammont ta' manteniment pagabbli lir-rikorrenti;*

5. *Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, ma huwiex minnu li l-esponenti tikkontribwixxi biss is-somma ta' mija u tmienja u sebghin euro (€178) fix-xahar ghal uliedha – effettivament, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, hija tikkontribwixxi ferm iktar minn daqshekk, inkluzi spejjez ta' internet, xiri minghand is-supermarkets, xiri ta' stationery, photocopies, kera ta' flat ghat-tifla maggorenni Martina, shubija fl-abbonament ta' Transport Malta, xiri ta' kotba, linka tal-printer, hsarat fil-computer u diversi skopijiet ohra kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, anke jekk dawn l-ammonti jezorbitaw il-parametri stretti ta' spejjez ta' "edukazzjoni" u "sahha"; u, peress li l-ammont pagabbli that dawn il-kapi ma humiex stabbiliti f'termini assoluti, dawn l-ammonti awtomatikament jizdiedu a proporzjoni taz-zieda fl-gholi tal-hajja.*

6. *Illi finalment, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont indikat mill-attur huwa esagerat tant li jirraprezenta l-assurd ghaliex l-gholi tal-hajja li huwa qieghed juza bhala bazi ghat-talba tieghu certament li ma huwiex tali li fuq medda ta' tnax-il sena jiggustifika zieda ta' iktar minn mitejn fil-mija.*

7. *Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt".*

6. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sezzjoni tal-Familja ddeċidiet billi:

> *"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, tiddikjara l-azzjoni tal-attur bhala li ma hijiex proponibbli u tichad it-talbiet kollha tal-attur".*

7. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti kien dan:

***"Il-Kuntratt ta' bejn il-Partijiet Ma Jikkontemplax Reviżjoni.***

*Stabbilit li permezz tal-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob varjazzjoni ta' dak miftiehem bil-ftehim fis-sena 2005 kif affermat fis-sena 2013, il-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina jekk tali reviżjoni ġietx kontemplata mill-partijiet fil-kuntratt u fil-ftehim minnhom iffirmati.*

*Il-Qorti tinnota li minkejja li l-manteniment ġie stabbilit fis-sena 2005 u minkejja li f'sittax-il sena, huwa minnu li l-ħajja għoliet, il-manteniment ġie ri-affermat permezz ta' kuntratt aktar riċenti fl-atti tan-Nutar Maria Grima tal-1 ta' Ottubru tas-sena 2015 f'liema kuntratt il-partijiet ftehmu li filwaqt li l-manteniment għandu jibqa' jitħallas fl-istess ammont mill-konvenuta, irregolaw l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri u l-ebda varjazzjoni fil-manteniment ma ġiet kontemplata tant li l-konvenuta obbligat ruħha li tkompli tħallas il-manteniment pattwit kif preċendetament stipulat.*
*Stabbilit illi l-partijiet ma stabbilewx ċirkostanzi fejn il-manteniment pagabbli seta' jiġi varjat fil-futur, il-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina l-pożizzjoni legali fir-rigward ta' talbiet għal varjazzjoni ta' manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali meta fl-istess kuntratt ma hiex kontemplata varjazzjoni fil-ħlas ta' manteniment.*

*Issir referenza għas-sentenza "**Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**" mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2012 fejn ġew trattati in funditus il-konsiderazzjonijiet li għandha tagħmel Qorti meta rinfaċċjata b'talba għal varjazzjoni ta' manteniment pattwit f'kuntratt. F'dik il-kawża, a kuntrarju tal-kawża odjerna, kien qed jintalab li l-Qorti tirriduċi l-quantum tal-manteniment pattwit stante li l-attur kien qed jallega li kien fl-impossibilta' li jkompli jħallas ir-rata sħiħa tal-manteniment miftiehem fuq il-kuntratt. L-appell kien ġie intavolat mis-sentenza tal-Prim'Istanza li kienet ċaħdet l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi kienet improponibbli. L-Onorabbli Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:-*

> *"Filwaqt li l-principju pacta sunt servanda ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` tal-parti li gabuha fl-impossibbilita` li tkompli tezegwixxi l-obbligu tal-hlas ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta` li tirrevedi dan l-obbligu.*
> *Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet". Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju ad impossibilia*

> *nemo tenetur, li jifforma r-ratio legis tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt."*

*L-Onorabbli Qorti tal-Appell iddikjarat ukoll illi: "Rigward is-sottomissjoni tal-attur, li 'jekk il-Qrati jaccettaw li parti f'kuntratt ta' separazzjoni tista' b'xi mod tezimi ruhha mill-obbligu taghha dwar manteniment, il-parti l-ohra ghandu jkollha d-dritt li titlob varjazzjoni tal-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti', hija fid-dawl tal-premess infondata, ghax dak li affermat il-Qorti mhijiex li parti "tezimi ruhha b'xi mod" mill-obbligu, izda li jigi pruvat li dik il-parti tkun qieghda, fic-cirkostanzi fuq indikati, fl-impossibbilita` reali li tesegwixxi dan l-obbligu kuntrattwali minnha assunt, u li allura jkun illogiku u anti guridiku li parti tigi mgieghla tezegwixxi obbligu li fir-realta`, minhabba cirkostanzi soppravenuti ghall-kuntratt, ma tistax tezegwixxi. Multo magis f'materja ta' hlas ta' manteniment fejn in-nuqqas ta' parti li tezegwih jirrendiha soggetta ghas-sanzjonijiet kriminali, bil-possibbilita` anke li tigi imposta fuqha piena karcerarja."*

***Ikkunsidrat:***

*1. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, tenut kont tal-fattispecie tal-każ odjern, li f'dan il-każ għandu japplika l-prinċipju pacta sunt servanda stante illi l-partijiet ma stipulawx fil-kuntratt li jista' jkun hemm reviżjoni tal-quantum tal-manteniment pattwit.*

*Sabiex l-azzjoni tal-attur tkun proponibbli ried ikun hemm fil-ftehim jew kuntratt ta' bejn il-partijiet klawsola li tippermetti żieda fil-manteniment f'każ li d-dħul tal-konvenuta jiżdied jew f'każ li l-ispejjeż tal-attur jiżdiedu. Xejn minn dan ma ġie pattwit. Lanqas żieda biex tirrifletti l-għoli tal-ħajja ma ġiet miftehma.*

*Meta si tratta ta' ftehim bonarjament milħuq bejn il-partijiet, il-kompitu tal-organu ġudizzjarju huwa li jagħti effett għall-ftehim u mhux li joħloq stipulazzjonijiet ġodda.*

2. *L-attur naqas milli jġib provi bizzejjed sabiex isostni t-talba tiegħu in kwantu d-dħul tiegħu u in kwantu wkoll l-ispejjeż li jgħid illi żdiedu matul is-snin".*

8. Fl-14 ta' Frar 2022 l-attur appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti:

*"Illi l-aggravju tal-esponenti huwa car u manifesti u jikkonsisti fis-segwenti.*

*1. L-EWWEL AGGRAVJU*

*Illi dan l-appell tal-esponenti huwa principalment ibbazat fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi relattivi ghall-kaz li kien totalment zbaljat, per konsegwenza ta' liema hija waslet ghal gudizzju zbaljat ghat-talbiet attrici.*

*.............*

*Issa kif se jigi muri, f'dan il-kaz, l-Ewwel Qorti nterpretat il-fatti relattivi manifestement hazin u ghalhekk zgur li hemm lok ghaliex l-intepretazzjoni tal-fatti kif maghmula minnha ghandha ghax tigi varjata minn din il-Qorti tal-Appell.*

*Inoltre, f'dan il-kaz, l-Ewwel Qorti kif ippreseduta meta inghatat is-sentenza ma kienetx l-istess Qorti li semghet ix-xhieda prodotti ghaliex meta d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-kawza tista' tmur ghas-sentenza fit-22 ta' Mejju 2019, wara li kienu ghalqu l-provi taghhom u ghamlu l-kontro-ezamijiet kollha, din il-Qorti kienet ippreseduta mill-Magistrat Dr. Paul Coppini. Dana apparti l-fatt li f'dan il-kaz, il-maggior parti tax-xhieda nstemghu mill-Assistant Gudizzarjarju u mhux il-Magistrat sedenti. Pero' f'dan il-kaz, il-Magistrat li tat is-sentenza appellata ma kellha l-ebda kuntatt mal-kawza waqt is-smiegh taghha, u ma kellha l-ebda kuntatt mal-partijiet. Hija ma rat u semghet assolutament xejn b'ghajnejha u widnejha.*

*Ghalhekk ir-raguni principali ghaliex Qorti tal-Appell ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament u l-evalwazjoni tal-ewwel Qorti, u cioe' ghaliex l-Ewwel Qorti tkun qeghda fl-ahjar qaghda li tisma', tikkontrolla u tevalwa l-istess provi u x-xhieda prodotti u mismugha quddiemha, ma tezistix f'dan il-kaz.*

*Illi dwar l-apprezzament tal-provi, l-Ewwel Qorti osservat is-segwenti:*

*"L-attur naqas milli jġib provi bizzejjed sabiex isostni t-talba tiegħu in kwantu d-dħul tiegħu u in kwantu wkoll l-ispejjeż li jgħid illi żdiedu matul is-snin."*

*Huwa umilment sottomess li hawnhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx kienet zbaljata iktar milli kienet f'dawn il-fatti relattivi, kif se jigi spjegat hawn taht.*

*A. Illi fl-ewwel parti tal-imsemmija osservazzjoni l-ewwel Qorti qalet li l-attur naqas li jgib provi bizzejjed sabiex isostni t-talba tiegħu in kwantu d-dħul tiegħu.*

*Fl-istess sentenza, l-ewwel Qorti qalet ukoll, aktar minn darba, li:*

*"l-attur naqas milli jipprova kif inbidlet is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu stess tant li naqas milli jippreżenta d-dħul tiegħu wara li huwa ħareġ bis-servizz."*

*Illi pero', kif jirrizulta mill-atti u mix-xhieda tal-esponenti, il-25 sena servizz kellhom jaghlqu fil-21 ta' Frar 2019. Dan il-fatt ikkonfermatu l-Ewwel Qorti stess fis-sentenza taghha. Madanakollu, l-Ewwel Qorti naqset milli tinnota li l-esponenti kien ghalaq il-provi tieghu ferm qabel huwa hareg bis-servizz, u cioe' fil-25 ta' Settembru 2018.*

*Minkejja dan, l-esponenti kien ipprezenta dokument li juri r-rata ta' pensjoni li kien se jibda jircievi hekk kif jirtira mill-impjieg tieghu, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. J u gie pprezentat permezz ta' nota mill-esponenti fil-25 ta' Ottubru 2018. Ghandu jigi nnotat minn din l-Onorabbli Qorti, li l-kontenut ta' dan id-dokument ma giex ikkontestat mill-konvenuta.*

*Illi bir-rispett kollu, anka jekk bi zvista, l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni ta' dan id-dokument, kull kif huwa ovvju li bejn paga u pensjoni hemm qabza kbira fid-dhul ta' persuna. Ghalhekk bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti setghet facilment tasal ghal din il-konkluzjoni wehidha, minkejja li kif inghad ma kienx hemm ghalfejn ghax gie pprezentat dokument li jindika kemm kienet se tkun il-pensjoni u cioe' li kienet se tkun €1,244.67 fix-xahar.*

*Permezz tan-nota pprezentata fil-25 ta' Ottubru 2018, l-esponenti pprezenta wkoll kopja tal-payslips tieghu minn Jannar sa Settembru 2018 li gew immarkati bhala Dok. A sa Dok. I. Minn dawn il-payslips, jirrizulta li meta kien ghadu jahdem, l-esponenti kien jithallas medja ta' madwar €1,700 kull erbgha gimghat (mhux kull xahar). Ghalhekk, id-dhul tal-esponenti naqas b'madwar sitt Ewro fix-xahar.*

*In vista tal-imsemmija provi, din l-Onorabbli Qorti ma tistax ma tghidx li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi relattivi ghall-kaz li kien totalment zbaljat dwar il-fatt li d-dhul ta' l-attur naqas drastikament.*

*B. Fl-osservazzjoni tal-Qorti hawn fuq kwotata, il-Qorti qalet ukoll li l-attur naqas milli jġib provi bizzejjed sabiex isostni t-talba tiegħu in kwantu "l-ispejjeż li jgħid illi żdiedu matul is-snin".*

*Illi bir-rispett kollu, anka li kieku, ghall-grazzja tal-argument, l-esponenti verament ma gabx provi bizzejjed biex juri li l-ispejjez zdiedu matul is-snin, din l-Onorabbli Qorti setghet tasal ghal din il-konkluzjoni facilment, stante li huwa ben maghruf li mill-2005, kien hemm zieda sostanzjali fl-gholi tal-hajja u li llum il-gurnata €89 fix-xahar ghal kull tifel/tifla zgur li ma jistax jigi kkunsidrat bhala manteniment gust minghand ghalliema. €178 fl-2005, zgur li ma humiex l-ekwivalenti ghal €178 fl-2019. L-oghli tal-hajja u l-figuri relattivi jirrizultaw mill-ligi nnifisha.*

*Minkejja dan, l-esponenti gab diversi provi sabiex juri li l-ispejjez zdiedu matul is-snin u li kienu se jkomplu jizdiedu meta binhom Michele Scicluna kien se jmur jghix Malta biex ikompli jistudja.*

*Illi l-attur spjega fid-dettal fl-affidavit tieghu, kif apparti ghal nofs l-iehor ta' dak li thallas Sonya Zammit, huwa jhallas ukoll x-xirjiet kollha tal-ikel ta' Martina li taghmel ghall-appartament f'Malta u jhejjilha ikel imsajjar biex tkun tista tiehdu maghha Malta, u llum il-gurnata jaghmel l-istess ma' Michele wkoll, kif ukoll ihallas biex jaghtihom x'jieklu meta jigu lura d-dar Ghawdex.*

*Martina Scicluna kkonfermat fl-affidavit taghha, kif missierha apparti li jhallas ghan-nofs l-affarijiet li thallas Sonya, kien ukoll ihallas wahdu ghax-xirjiet l-ohra li taghmel ta' kull gimgha u kien jipreparalha l-ikel imsajjar biex tiehdu maghha Malta.*

*Fl-affidavit ulterjuri, l-esponenti spjega li:*

*"Kemm ilu li Michele beda jghix Malta, jien apparti li nhallas ghan-nofs l-ispejjez elenkati, nhallas ukoll ix-xirjiet l-ohra li jsiru ta' kull gimgha u nhejjilu ikel imsajjar biex ikun jista' jiehdu mieghu Malta, kif naghmel lil ohtu Martina. Minn dawn l-ispejjez, Sonya ma thallas xejn hlief li kkontribwixxiet f'xirja wahda tal-bidu tas-sena u ohra f'nofs is-sena. Ghalhekk l-ispejjez tieghi zdiedu aktar milli zdiedu dawk ta' Sonya Zammit. Inoltre lil uliedna jien naghtihom pocket money ta' kull gimgha sabiex ikunu jistghu juzawhom kif irridu u biex zgur ma jonqoshom xejn."*

*Huwa spjega wkoll li huwa dejjem hallas ghall-hwejjeg tal-ulied kollha.*

*Fil-kontro-ezami tas-19 ta' Ottubru 2018, l-attur stqarr li lit-tifla jaghtiha €30 fil-gimgha bhala pocket money meta tkun sejra Malta. Dan ifisser li l' €89 manteniment lanqas biss isservuh biex ikoppri l-pocket money li jaghti lit-tifla, ahseb u ara ghall-affarijiet ohra.*

*Inoltre, huwa risaput illi meta wiehed mill-ulied jkollu jmur jghix Malta biex jkompli l-istudji tieghu, apparti ghall-ispejjez tal-kera, jizdiedu hafna aktar spejjez. Illi huwa hafna ahjar finanzjarjament, kieku l-iben jibqa' jiekol u jghix fl-istess post mal-esponenti, stante li certu spejjez jsiru sew jekk it-tifel jghix dejjem id-dar u kemm jekk it-tifel jmur id-dar jumejn fil-gimgha. Izda c-cirkostanzi ta' student Ghawdxi li jmur jghix Malta biex jistudja hemmhekk jirrikjedu mod iehor, u ghalhekk ikunu jirrikjedu spejjez zejda biex l-iben ikun jista' jkollu residenza temporanja f'Malta.*

*Ghandu jinghad li anka mix-xhieda tal-konvenuta u d-dokumenti pprezentati minnha stess johrog evidenti dak li jhallas l-attur, u kif l-ispejjez dejjem jizdiedu. Il-konvenuta elenkat l-affarijiet li hija kienet thallas in-nofs taghhom. Minn dan l-elenku jirrizulta b'mod car u*

*manifest li l-affarijiet l-ohra kollha li jkollhom bzonn l-ulied jithallsu mill-missier wahdu inkluz, flus ghall-hrug, hwejjeg, fuel, u kontijiet ta' dawl, ilma, telephone, tv, internet u mobiles.*

*Inoltre, minn meta binthom Marcia li saret maggorenni, il-konvenuta ma baqghetx thallas il-manteniment fir-rigward taghha, izda Marica baqghet tghix mal-esponenti, ghalhekk huwa baqa' jipprovdilha kollox hu, bhal ma jaghmel ma hutha.*

*Ghaldaqstant, huwa umilment sottomess li kuntrarjament ghal dak sottomess mill-Qorti, u minn qari semplici tal-atti u xhieda relattivi ghal dawn il-proceduri, johrog evidenti li l-esponenti gab provi bizzejjed sabiex isostni t-talbiet tieghu.*

*2. IT-TIENI AGGRAVJU*

*Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess ukoll, l-appellant ihoss li l-Ewwel Qorti ma applikatx korrettement id-disposizzjonijiet tal-artikoli 61 u 54 tal-Kodici Civili, anzi injorathom ghal kollox, meta laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, iddikjarat l-azzjoni tal-attur bhala li ma hijiex proponibbli u cahdet it-talbiet attrici kollha.*

*Infatti, l-ewwel Onorabbli Qorti qalet is-segwenti:*

*"Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, tenut kont tal-fattispecie tal-każ odjern, li f'dan il-każ għandu japplika l-prinċipju pacta sunt servanda stante illi l-partijiet ma stipulawx fil-kuntratt li jista' jkun hemm reviżjoni tal-quantum tal-manteniment pattwit.*

*Sabiex l-azzjoni tal-attur tkun proponibbli ried ikun hemm fil-ftehim jew kuntratt ta' bejn il-partijiet klawsola li tippermetti żieda fil-manteniment f'każ li d-dħul tal-konvenuta jiżdied jew f'każ li l-ispejjeż tal-attur jiżdiedu. Xejn minn dan ma ġie pattwit. Lanqas żieda biex tirrifletti l-għoli tal-ħajja ma ġiet miftehma.*

*Meta si tratta ta' ftehim bonarjament milħuq bejn il-partijiet, il-kompitu tal-organu ġudizzjarju huwa li jagħti effett għall-ftehim u mhux li joħloq stipulazzjonijiet ġodda."*

*Din id-decizjoni tmur kontra dak stabbilit minn gurisprudenza konstanti, f'kazijiet fejn si tratta minn minuri u l-interess tal-minuri, u cioe' li anki termini ta' kuntratt jistghu jigu varjati b'ordni tal-Qorti. U dan mhux sempliciment abbazi tar-regoli normali li permezz taghhom jista' normalment jigi mpunjat kuntratt, izda minhabba kunsiderazzjonijiet msemmija mill-istess ligi.*

*L-Artikolu 61*
*Infatti l-artikolu 61 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*61.(1) Kull ftehim bejn il-mara u r-raġel dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull żmien, fuq talba tal-mara jew tar-raġel, jew ta' xi qarib ta' xi ħadd minnhom, jiġi annullat mill-qorti kompetenti, meta hekk ikun meħtieġ għall-ġid tat-tfal.*

*(2) F'dak il-każ, il-qorti għandha tiddeċidi f'idejn min għandhom jiġu mogħtijin it-tfal, u kif għandhom jitmantnew u jiġu edukati.*

*L-artikolu 61 fuq kwotat jaghmilha cara ghall-ahhar li fl-ahjar interess tal-minuri, l-ordnijiet li jkunu nghataw dwar il-minuri jistghu jinbidlu. Dan is-sub-artikolu certament qed jirreferi wkoll ghall-manteniment dovut fir-rigward tat-tfal, stante li fit-tieni sub-artikolu hemm miktub li f'kaz li ftehim ta' bejn il-partijiet dwar il-kustodja tal-ulied jigi annullat, il-Qorti tkun tista' tipprovdi mill-gdid kif l-ulied ghandhom jigu mantnuti. Ghaldaqstant, abbazi ta' din il-ligi, tista' ssir anki talba ghall-varjazzjoni ta' hlas ta' manteniment, dment li din tkun fl-interess tal-minuri.*

*Gie wkoll stabbilit b'diversi decizjonijiet li dak li f'sentenza tal-Qorti jista' jigi varjat fl-interess tal-minuri, wara li tkun nghatat l-istess sentenza, dan jista' jigi wkoll varjat fir-rigward ta' kuntratt pubbliku.*

*In sostenn ta' dan li qed jinghad, l-attur jaghmel riferenza ghad-decizjonijiet tal-Qorti segwenti:*

*i. Illi fid-decizjoni fl-ismijiet Walter Borg St John vs Christine Borg St John moghtija mill-Prim'Awla fil-31 ta' Mejju 2002 mill-Qorti kif preseduta mill-Imhallef Noel Arrigo gie ccarat minnha darba ghal dejjem illi:*

*"Il-kuntratti ta' separazzjoni konsenswali pero' huma kuntratti partikolari u normalment jittrattaw tlett tipi ta' obbligazzjonijiet - dawk purament personali, dawk purament proprietarji, u dawk misti. Fl-obbligazzjonijiet purament personali bhal ma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma hemmx dubbju illi, anke fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti tista' fi kwalunkwe hin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet fejn ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu. Ghall-kuntrarju, per ezempju, fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni reciproka tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti hija totalment marbuta bil-kunsens tal-partijiet u dak deciz minnhom ma jistax jigi varjat ikunu x'ikunu c-cirkostanzi li jinqalghu. Il-pagament ta' l-alimenti u mill-1993 id-decizjoni dwar id-dar konjugali jappartjenu minn dawk l-obbligazzjonijiet li ghandhom natura mista peress illi hemm l-elementi tal-personali u tal-parafernali. Hu ghalhekk illi f'kazijiet fejn din il-materja tkun giet deciza mill-Qorti stess il-ligi tipprovdi illi fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet f'kaz ta' tibdil fic-cirkostanzi il-Qorti tista' tordna li l-manteniment ordnat jinbidel jew tbiddel dawk il-provvedimenti fir-rigward tad-dar matrimonjali (Artikolu 54(7) u 55 A (2) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16)."*

*Ghalhekk hawnhekk il-Qorti ccarat li minkejja l-principju tal-pacta sunt servanda, kuntratt ta' separazzjoni jista' jigi dejjem varjat ghall-interess tal-minuri kif ukoll skont il-provvedimenti tal-ligi.*

*ii. Illi dan inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet f'Noel Scerri vs Anna Scerri (Cit. Nru: 2667/1998 – P.A. (RCP) deciza fid-29 ta' April 2004, fejn il-Qorti kkummentat hekk:*

*"Illi l-Qorti tosserva il-kuntratt bejn il-partijiet huwa ligi ghall-istess, u l-unika cirkostanza fil-ligi fejn l-istess jista' jigi varjat, u dan qed jinghad biss bhala linja generali, huwa meta jkun hemm l-interess tal-minuri taz-zwieg fin-nofs, fejn il-Qorti ghandha l-poter li tiehu kull provvediment anke' kontra dak li qablu dwaru l-partijiet biss fl-interess suprem tal-minuri. Ovvjament dan mhux il-kaz odjern, u ghal dawn il-principji l-Qorti tirreferi ghal dak li gja' gie tenut minnha f'diversi sentenzi fosthom "Mario Galea vs Maria Concetta Galea pro et noe" (Cit. Nru: 1168/99RCP – deciza fit-2 t'Ottubru 2003) u "Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi" (Cit. Nru: 412/00RCP – deciza fid-29 ta' Mejju 2003)." (Enfasi mizjdua)*

*iii. Illi fil-kawza fl-ismijiet Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi deciza fid- 29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kien intalab li dak kontenut fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet jigi mibdul. Il-Qorti osservat illi:*

*"Illi dan jista' jsir skond il-ligi nostrali mhux f'kollox, izda fuq certi partijiet biss tal-kuntratt ta' separazzjoni, stante li bhala ftehim bejn il-partijiet li jkun sar bl-awtorizzazzjoni wkoll tal-Qorti, l-istess kuntratt jifforma ligi bejn il-partijiet, u ghalhekk fil-maggoranza tal-kazi l-istess partijiet jkollhom josservaw dak li hemm fl-istess ftehim, b'eccezzjoni ghall-kapi mill-istess li l-istess ligi tipprovdi li b'talba ad hoc jistghu jinbidlu jekk ikun hemm il-bdil ficcirkostanzi rikjest fil-ligi, u dan bil-mod kif sejjer jinghad iktar il-quddiem.*
*…*

*Illi mela huwa eccezzjonalment li parti ghandha dritt titlob li f'kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet li kondizzjonijiet li jigu hekk pattwiti ma jibqghux japplikaw fil-konfront tal-kontendenti, u wahda minnhom hija necessarjament kull ftehim li jkun sar bejn il-dorituri rigward l-kura u kustodja ta' l-istess, u dan ghar-raguni li f'dan il-kaz il-gid tat-tfal jista' jirrikjedi tali revizjoni tal-ftehim bejn il-partijiet, anke ghaliex l-interess suprem tat-tfal u ulied hija l-iktar haga li l-ligi u l-Qorti huma tenuti li jissalvagwardjaw u jipprovdu ghalih."*

*iv. Fil-kawza fl-ismijiet Mario Galea vs Maria Concetta Galea pro et noe deciza fit-2 t'Ottubru 2003 mill-Prim'Awla Qorti Civili, inghad li kuntratt ghandu jigi esegwit in bona fede, u li meta jkun hemm xi kwistjoni li ma tkunx giet preveduta, din ghandha tigi interpetata skont l-intenzjoni tal-partijiet fil-kuntratt. Inghad ukoll li fl-interess tal-minuri l-Qorti dejjem tista' tvarja ftehim bejn il-partijiet dwar il-minuri:*

*"Illi ntqal inoltre anke fis-sentenza "General Cleaners Company Limited vs Attorney General et" (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 li "l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "Beacom vs Spiteri Staines" – ibid; "Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" – P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; "Anton Spiteri vs Alfred Borg" – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; "Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" – P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).*
*…*

*Illi korrolarju ta' dawn il-principji hija wkoll li l-istess kuntratti bejn il-partijiet ghandhom jigu esegwiti in bona fede u l-konsegwenza ta' kull ftehim ghalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista' jkun bwon sens) u l-kuntratti ghandhom ikunu nterpretati in bona fede ("Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et" - P.A. (WG) 30 ta' April 1987); "Chris Cachia & Associates Limited vs Damian u Roseanne konjugi Formosa" (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002).*

*Illi dan kollu japplika ghall-kaz odjern hlief il-fatt li f'materja ta' ligi tal-familja u dan anke fil-kuntest ta' dak li hemm provdut fil-Kodici Civili l-interess tal-minuri jibqa' suprem u ghalhekk nonostante kull ftehim li jista' jkun hemm bejn il-partijiet dwar il-minuri jista' jigi annullat mill-Qorti jekk "hekk ikun mehtieg ghall-gid tal-minuri' u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 61 tal-Kap 16." (Sottolinjar mizjud)*

*L-artikolu 54(9) ukoll jghid li meta jkun hemm tibdil fil-mezzi tal-partijiet, tista' ssir varjazzjoni fil-hlas tal-manteniment. L-esponenti jissottometti li dan l-artikolu ghandu jigi applikat b'mod estensiv, kif ukoll fil-kuntest ta' dak provdut mill-artikolu 61, u dan bil-konsegwenza li jigi applikat anki f'cirkustanzi bhal dawk kontemplati f'din il-kawza. Dan ghaliex l-interess tal-minuri jirrikjedi li d-disposizzjonijiet tal-ligi jigu applikati bl-iktar mod wiesgha b'mod li jakkomodaw l-interessi tal-istess ulied.*

*Illi l-artikolu 54 (9) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*"Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ. …. (Enfasi mizjuda)*

*Dan l-artikolu huwa simili ghall-artikoli 20 u 21 li jinsabu fis-sub-titolu (2) tal-Ewwel Titolu tal-Kodici Civili li jirregola l-jeddijiet u d-dmirijiet bejn axxendenti, dixxendenti u ahwa. Hu sub-titolu li fil-fatt jirregola*

*fid-dettal ir-relazzjonijiet bejn dawn il-persuni u fl-ebda mument u fl-ebda disposizzjoni tieghu ma jidher li qieghed b'xi mod jirregola r-relazzjonijiet bejn il-konjugi. Ghalhekk fl-artikolu 20, fejn jinghad "skont il-bżonn ta' min jitolbu" qed jinkludi l-bzonnijiet tal-ulied.*

*Inoltre, l-esponenti jissottometti li fl-imsemmija artikoli l-ligi ma taghmel ebda distinzjoni bejn il-manteniment "ex lege" jew dak "ex contractu".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Zahra Saviour vs Zahra Maria Antionette pro et noe deciza fit-13 ta' Lulju 2001 mill-Qorti tal-Appell saret referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 15 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe fejn dwar l-artikolu 21 intqal li:*

*"Din id-disposizzjoni ma tiddistingwix bejn l-ghoti "volontarju", "ope sententiae" jew "ex contractum" tal-manteniment".*

*Filwaqt li dwar l-artikolu 54 sub-artikolu (7) li llum huwa sub-artikolu (9), il-Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet illi:*

*"It-test allura hawn, iktar milli tibdel fic-cirkostanzi b'mod generali jirrikjedi studju komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom".*

*Dan intqal ukoll fil-kawza fl-ismijiet Mary Vella vs Mario Vella, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 1996, fejn gie ritenut li:*

*"...hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment 'ex lege' jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak 'ex contractu', in kwantu tezisti l-possibbilita` ta' min hu obbligat li jhallas il-manteniment li 'jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz' jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21(1) ta' l-Att XXI ta' l-1993)..."*

*Gialadarba l-Legislatur ma ghamilx distinzjoni, bl-akbar rispett, l-ebda Qorti m'hija intitolata illi tiddistingwi, u ghalhekk anki f'kaz ta' separazzjoni bonarja, bhal ma hu l-kaz odjern, hemm lok ghaliex il-manteniment u rata ta' manteniment jistghu jigu varjati.*

*Ghaldaqstant, skont dawn id-decizjonijiet, jirrizulta b'mod car daqs il-kristall illi kuntrarjament ghal dak konkluz mill-Ewwel Qorti, provvediment dwar il-varjazzjoni tal-manteniment tal-ulied jista' jintalab anki meta dan ikun gie stabbilit permezz ta' kuntratt pubbliku.*

*Minkejja dan kollu, l-ewwel Qorti ghamlet distinzjoni bejn il-manteniment stabbilit "ex lege" u dak stabbilit "ex contractu". Infatti, ghaliex fil-kaz odjern il-partijiet lahqu ftehim bonarjament, hija hadet*

*in konsiderazzjoni dak li gie miktub fl-istess ftehim biss, minghajr ma ghamlet l-ebda konsiderazzjoni ohra. Infatti fis-sentenza taghha, l-ewwel Onorabbli Qorti lanqas biss semmiet l-artikoli li fuqhom giet ibazzata l-kawza odjerna, u wisq inqas ghamlet studju komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-partijiet.*

*Inoltre, huwa sottomess ukoll, li ghalkemm huwa veru li l-partijiet ma stabbilewx cirkustanzi fejn il-manteniment pagabbli seta' jigi varjat fil-futur, il-partijiet fl-ebda mument ma eskludew id-dritt taghhom li jirrikorru quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jissalvagwardjaw d-drittijiet taghhom provduti espressament mil-ligi, kif qed jaghmel l-esponenti permezz tal-kawza odjerna.*

*Ghalhekk, kif gie spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-esponenti, li qed issir referenza shiha ghaliha, il-varjazzjoni tal-manteniment li qed tigi mitluba mill-esponenti hija awtorizzata mill-ligi, hija wahda necessarja minhabba l-bdil fic-cirkostanzi u ghaliex dan huwa fl-ahjar interess tal-ulied, u liema talba ghall-varjrazzjoni l-esponenti kellu kull dritt li jaghmel irrispettivament jekk is-separazzjoni ta' bejn il-partijiet kienetx bonarja jew le.*

*3. Ghaldaqstant, l-esponenti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi kollha gia' migjuba u jirriserva li jressqu provi ohra skont il-ligi, jitolob lil din il-wisq Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti billi tiddikjara bhala nulla s-sentenza appellata u billi tilqa' t-talbiet attrici; u dana bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri kontra l-intimata".*

9. Fl-4 ta' Lulju 2022 il-konvenuta wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

<u>Konsiderazzjonijiet.</u>

10. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li f'każijiet fejn f'rikors tal-appell aggravju jkun dwar punti ta' fatt, terġa' tikkunsidra l-provi li jkunu tressqu quddiem l-ewwel Qorti.

11. Il-fatt li l-partijiet ikunu ftehmu manteniment għat-tfal f'kuntratt bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ma jfissirx li dak miftiehem ma jistax jinbidel b'ordni ta' Qorti f'ċertu każijiet. Fis-sentenza Alfred Grech v. Pauline Grech proprio et nomine tas-16 ta' April 2004 li rreferiet għaliha l-ewwel Qorti, din il-Qorti qalet:

> *"7........ Huwa minnu li l-ligi civili taghna toqoghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Ima l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda infessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retta alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partjiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilta` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni............. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partjiet ftehimu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn".*

12. F'affidavit li l-attur ippreżenta lejn l-aħħar tal-kawża (fol. 325) spjega li kien qiegħed jippretendi li l-manteniment ikun bejn €350 u €400, *"u dan minn meta ġiet ippreżentata l-kawża, liema ammont għandu jiġi rivedut darba kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja fis-sena kalendarja preċedenti"*. L-attur ippreżenta l-kawża fit-2 ta' Frar 2018 meta t-tifla kellha diġa` 20 sena filwaqt li t-tifel kellu kważi 17-il sena. Sa dakinhar kienu għaddew sentejn biss mill-pubblikazzjoni tat-tieni kuntratt.

13. Fl-ewwel talba tar-rikors maħluf l-attur talab dikjarazzjoni li kien hemm żieda fl-għoli tal-ħajja minn meta ftehmu fis-17 ta' Mejju 2005. Madankollu, fl-1 ta' Ottubru 2015 kien ippubblikat it-tieni kuntratt, bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja, fejn il-partijiet iddikjaraw li dak li ftehmu fin-nota tas-17 ta' Mejju 2005 għandu jibqa' japplika *".... sakemm mhumiex in kunflitt ma' dak stipulat f'dan l-att"*. Għalhekk m'hemmx dubju li kwalsiasi pretensjoni li jista' għandu għall-awment bejn is-17 ta' Mejju 2005 u d-data tal-pubblikazzjoni tat-tieni kuntratt, hi mingħajr bażi.

14. L-attur iffirma l-kuntratt tal-1 ta' Ottubru 2015 u għall-Qorti hu evidenti li kien kuntent li jirċievi €178 fix-xahar għaż-żewġt itfal diment li t-tfal ikunu taħt 23 sena u għadhom jistudjaw, flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa, u kera għal post ta' abitazzjoni f'Malta waqt li t-tfal ikunu qegħdin jistudjaw. Fil-fatt l-attur stess xehed li s-somma ta' €178 kienet raġonevoli meta sar il-kuntratt (fol. 33). Li mbagħad fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta fl-ewwel Qorti jargumenta li f'dak il-kuntratt ma ġiet stabbilita l-ebda rata ta' manteniment għat-tfal, hu 'l bogħod mill-verita`. Is-somma ta' €178 fix-xahar tissemma espressament fil-kuntratt u fih ġie ddikjarat li l-attriċi għandha tħallas il-manteniment *'ta somma fissa'* sakemm it-tfal ikunu għadhom jistudjaw u ma jaħdmux sakemm jagħlqu 23 sena.

15. Inoltre, wieħed irid isemmi kif fil-kuntratt oriġinali ta' separazzjoni tas-17 ta' Jannar 2003 kien miftiehem li:

> *".... il-partijiet jaqblu li kull parti għandha tikkontribwixxi għal nofs l-ispejjeż meħtieġa in konnessjoni mat-trobbija u l-għixien tagħhom inklużi għalhekk spejjeż meħtieġa in konnessjoni mal-ilbies, kura medika, edukazzjoni u b'mod ġenerali dak kollu li huwa meħtieġ għal trobbija regolari"*.

16. Madankollu fit-tieni kuntratt pubblikat fl-1 ta' Ottubru 2015 l-attur ma kellu l-ebda diffikulta` li tissemma ċifra dwar il-manteniment li qed titħallas il-konvenuta. F'dak il-kuntratt il-partijiet ma semmewx li l-manteniment għandu jiżdied kull tant żmien. Dan minkejja li jidher li kien assistit minn avukat u kien prevedibbli li l-ħajja ser tkompli togħla u l-bżonnijiet tat-tfal jiżdiedu. Dak iż-żmien Martina kienet ser tagħlaq 18-il sena filwaqt li Michele kellu 14-il sena. Każijiet bħal dawn jiġru mhux għaliex kien hemm xi tibdil sinifikanti fiċ-ċirkostanzi iżda għaliex meta jsiru dawk it-tip ta' kuntratti l-partijiet ma jqisux kif jistgħu jinbidlu l-affarijiet matul is-snin. Hu ovvju li bżonnijiet ta' tifel ta' 14-il sena ma jibqgħux l-istess meta t-tifel jagħlaq 18-il sena u jibda jistudja l-Universita.

17. Minn dak li xehdet it-tifla Martina (fol. 39) altru milli hu ċar li l-konvenuta qiegħda tikkontribwixxi għal sehemha mill-ispejjeż skont il-ftehim. Dan billi tħallas nofs il-kera, *internet*, *stationery* u kotba (inkluż l-inka tal-*printer* u *computer*). Kienet ukoll tikkontribwixxi f'żewġ xirjiet li t-tifla kienet tagħmel.

18. Wieħed ma jridx jinsa wkoll l-istipendju li kull student *full-time* fl-Universita` jirċievi u li jidher li ħadd ma semma. Dan apparti li l-Qorti fehmet li l-Gvern jagħti sussidju lill-istudenti Għawdxin fuq il-kera (ara affidavit tal-konvenuta a fol. 184 u domandi li sarulha in kontro-eżami kif ukoll kontro-eżami tal-konvenut).

19. Fl-affidavit, l-attur xehed li fi Frar 2019 kien ser jagħlaq 25 sena servizz bħala pompier u li t-tabib Mr Raymond Aquilina ċċertifikah li ma kienx iktar kapaċi jaħdem minħabba ġrieħi li kien sofra. Madankollu ma jirriżultax li t-tabib Aquilina xehed f'din il-kawża. Għalkemm ġew esebiti żewġ ċertifikati mediċi ta' Dr Aquilina, ma jirriżultax li ġew konfermati bil-ġurament. Dan apparti li l-attur ma spjegax kif baqa' jaħdem bħala pompier sakemm fl-2019 għalaq 25 sena servizz, jekk kif qal hu ma baqax kapaċi jaħdem. Inoltre, fit-tieni ċertifikat jingħad li l-attur mhuwiex kapaċi *"to return to work"* (ovvjament dak ta' pompier) u mhux li mhuwiex kapaċi jaħdem iktar.

20. Għalkemm ta' 56 sena l-attur għażel li jirtira u jibda jirċievi l-pensjoni tas-servizz, ma jfissirx li ma jistax jaħdem. Fis-sena 2018, sa nofs Awwissu 2018, kellu qligħ medju ta' ċirka €1,700 kull erba' ġimgħat. Skont id-dokument a fol. 214 ladarba joħroġ bil-pensjoni kien intitolat għal €1,244 fix-xahar (€14,936 fis-sena). L-attur irtira fi Frar 2019 meta kienet

għadha pendenti l-kawża. F'dak l-istadju ma tressqet l-ebda prova li ma kienx kapaċi iktar jagħmel ix-xogħol ta' pompier jew li jsib xogħol ieħor.

21. Dan apparti li rriżulta li l-attur għandu qligħ ieħor ta' ċirka €800 kull xahar f'kera li jirċievi mingħand il-Gvern dwar żewġ appartamenti (ara fol. 170 u 171). Fl-affidavit il-konvenuta xehdet ukoll li *".... l-attur kellu ċertament sa ftit xhur ilu xogħol ta' 'jeep driver' fuq bażi part-time mhux iddikjarat u allura ma jidhirx fid-dħul tiegħu"* (fol. 185).

22. Jirriżulta wkoll li matul il-perjodu 2016 sa 2018, ċioe` wara l-pubblikazzjoni tat-tieni kuntratt, bejn wieħed u ieħor il-konvenuta kellha qligħ net ta' €1,900 fix-xahar mill-impjieg ta' għalliema (€22,800) (ara dokumenti a fol. 59 *et seq*).

23. F'affidavit (19 ta' Ottubru 2018) il-konvenuta tat dettalji dwar ħlasijiet li għamlet fil-perjodu bejn Settembru 2017 u Awwissu 2018. Spejjeż fl-ammont ta' €3,458.25 u ħlas ta' €178 kull xahar. Total ta' €5,594 għaż-żewġt itfal (fol. 185). Ippreżentat ukoll rendikont tal-ispejjeż li ħallset matul dak il-perjodu (fol. 188 sa 198). B'hekk kienet qiegħda tikkontribwixxi ċirka kwart ($^{1}/_{4}$) mill-qligħ tal-paga għall-bżonnijiet ta' dawk it-tfal li kellha bżonnijiet tmanti.

24. It-tifla għalqet 23 sena f'Diċembru 2020 u għalhekk il-konvenuta ma baqgħetx obbligata li tkompli tmantniha. Dwar it-tifel, waqt il-kontro-eżami l-konvenuta spjegat ukoll kif tgħinu fl-ispejjeż għax-xiri tal-bżonnijiet.

*25.* Wara li l-Qorti qrat l-atti mhijiex tal-fehma li kien hemm xi tibdil tali fiċ-ċirkostanzi li jiġġustifika tibdil fil-manteniment miftiehem. Il-provi juru li l-konvenuta baqgħet u għadha tikkontribwixxi u ma kienx hemm xi ġrajja partikolari li teħtieġ li jinbidel dak li l-partijiet iffirmaw għalih bl-ewwel kuntratt (17 ta' Jannar 2003) u t-tieni kuntratt (1 ta' Ottubru 2015). L-għoli tal-ħajja u l-fatt li llum il-konvenuta qiegħda tikkontribwixxi għal tifel wieħed biss, kienu prevedibbli meta l-partijiet iffirmaw il-kuntratt.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr